MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 393/1989/1

**Joseph Borg**

**vs**

**Perit John Sciberras**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Billi l-attur kien jokkupa l-ghalqa ta' Wied il-Ballut limiti ta' San Giljan, u dan ghall-izjed minn ghoxrin sena;

Billi din l-ghalqa gie zgumbrat minnha b'sentenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati tal-10 ta' Marzu 1988 fl-ismijiet 'Perit John Sciberras vs Alfred Farrugia et';

Billi wara li gie zgumbrat mill-ghalqa msemmija din giet okkupata mill-konvenut;

Billi l-attur waqt li l-ghalqa kienet f'idejh kien ghamel diversi benefikati fl-ghalqa msemmija konsistenti f'bini ta' kmamar u f'li hawwel diversi sigar u benefikati ohra kif jirrizulta waqt il-kawza;

Billi l-konvenut interpellat biex ihallas il-kumpens dovut ghal dawn il-benefikati naqas li jaghmel dan;

Jghid l-istess konvenut ghar-ragunijiet fuq imsemmija ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

(1) Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi l-kumpens dovut lill-attur ghall-benefikati msemmija; u

(2) Ghaliex m'ghandux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 5 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi dan il-gudizzju mhux integru peress illi l-eccipjenti akkwista din l-ghalqa minghand l-Arcidjocesi ta' Malta xi sentejn ilu u l-azzjoni attrici hija pretenzjoni ta' kumpens ghall-benefikati ta' ghoxrin sena.

2. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez billi l-attur kien qed jiddetjeni din l-ghalqa abbuzivament u in mala fede u kwindi kull benefikat li huwa jallega li ghamel kien jaf li qed jaghmlu a riskju tieghu; ma jistax allura issa jigi 'l quddiem u jippretendi xi kumpens minghand il-konvenut.

3. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu f'kaz li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tigi respinta, meta, pro bono pacis u bla pregudizzju ta' xejn, il-konvenut staqsa lill-attur x'kien qed jippretendi l-ewwel intalbet is-somma ta' Lm4000, wara din giet ridotta ghall-Lm2300 u sussegwentement ghall-Lm1400. Ghandu jigi nnotat illi huwa qed jippretendi hlas ta' strutturi li m'ghamilx huwa, ta' strutturi li ma kienux mibnija skond il-ligi u kif titlob is-sengha u l-arti u illi parti sostanzjali mill-ghalqa in kwistjoni kienet giet espropriata mill-gvern u kwindi allura ghal dan zgur li m'ghandux ihallas xejn il-konvenut.

4. Illi l-agir tal-attur li baqa' jokkupa l-ghalqa meta kien gie mitlub jivvakaha mill-konvenut ikkawza danni lill-istess konvenut li ghalihom irid jaghmel tajjeb u ghalhekk qed issir ir-rikonvenzjoni relattiva.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **l-att tal-kontro talba** li permezz taghha l-konvenut ippremetta illi:

1. Premess illi l-attur kien qed jiddetjeni l-ghalqa msemmija fic-citazzjoni bla ebda titolu validu fil-ligi u anzi kien qed jiddetjeniha abbuzivament u in mala fede stante li kien jaf, kif fil-fatt gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet 'Perit John Sciberras vs Alfred Farrugia et', li ma kellu ebda titolu validu fil-ligi.

2. U premess illi l-attur mitlub biex jizgombra mill-istess ghalqa, flok m'ghamel hekk, gieghel lill-konvenut jipprocedi kontrih ghall-izgumbrament tieghu.

3. U premess illi dan id-dewmien tal-attur biex johrog minn din l-ghalqa kkawza danni lill-konvenut li ma setax jibda l-kostruzzjoni li ried f'din l-ghalqa bir-rizultat li allura l-konvenut kellu jhallas bi prezzijiet ghola minn dawk korrenti kieku l-attur hareg mill-ghalqa meta gie nterpellat sabiex jaghmel hekk.

4. U premess illi l-attur mitlub jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti.

5. Jghid ghalhekk l-attur ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

(I) Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni versu l-konvenut b'rizultat tal-fatt li naqas li johrog mill-ghalqa in kwistjoni meta gie mitlub biex jaghmel hekk mill-konvenut;

(II) Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

(III) Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dawk id-danni hekk likwidati –kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

Illi d-domanda tal-konvenut ghad-danni hija nfondata fid-dritt u fil-fatt billi l-eccipjent mhux responsabbli ghall-allegati danni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat in-nota a fol 21 li biha l-konvenut irrinunzja ghal l-ewwel eccezzjoni tieghu;
Rat id-degriet a fol 11 li bih gew nominati l-periti legali Dr.Yana Micallef Stafrace u l-Perit Arkitett J.Huntigford;
Rat id-degriet a fol 44 li bih il-Perit Huntigford gie sostitwit bil-Perit M.A.Refalo u d-degriet a fol 480 li bih gie sostitwit bil-Perit Joseph Ellul Vincenti;
Rat id-degriet a fol 460 li bih gie nominat l-espert agrikolu Anthony Borg;
Rat ir-relazzjoni ta' Dr.Y.Micallef Strafrace a fol 367 et seq; tal-Perit J Ellul Vincenti a fol 485 u ta' Anthony Borg a fol 468;
Rat in-nomina ulterjuri tal-Perit J Ellul Vincenti a fol 504 u r-relazzjoni tieghu a fol 513;
Semghet lill periti in eskuzzjoni a fol 474 u 505;
Rat in-nota a fol 511 li biha l-attur irrinunzja ghat-talba tieghu ghal periti addizzjonali;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Fatti**

Illi l-attur ipproceda b'din il-kawza sabiex jigi kkumpensat ta' benefikati li skond hu ghamel waqt li kien fl-okkupazzjoni ta' ghalqa f'Wied il-Ballut, limiti ta' San Giljan, mil-liema ghalqa gie zgumbrat permezz ta' sentenza datata 10 ta' Marzu 1988. (ara fol 171 et seq).

Da parti tieghu il-konvenut ha b'kera l-istess ghalqa minghand il-Kurja permezz ta' skrittura datata 2 ta' Frar 1987 li fiha kienet tinkorpora wkoll konvenju rigwardanti l-istess art u pproceda ghall-izgumbrament ta' l-attur f'din il-kawza.

Il-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn talab li jigu likwidati d-danni sofferti minnu peress li huwa ma setghax jibda bix-xogholijiet ta' kostruzzjoni li ried jaghmel peress li l-attur ma vvakax mill-ghalqa msemmija meta gie mitlub jaghmel hekk mill-istess konvenut wara li hu kien ghamel l-iskrittura fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi f'dina l-kawza l-Qorti trid tiddeciedi jekk:-

1. Jekk hux dovut xi kumpens lill-attur ghall-benefikati li hu ghamel fl-ghalqa in kwistjoni; u
2. Jekk il-konvenut sofriex xi danni li ghalihom hu responsabbli l-attur.

**Kumpens ghall-benefikati,**

Illi l-Qorti se tezmina l-ewwel il-kwistjoni tal-kumpens mitlub mill-attur ghall-benefikati li hu qieghed jippretendi li ghandu dritt ghalihom.

Illi dwar dawn il-benefikati gew prodotti sitt (6) rapporti, erbgha (4) *ex parte* u tnejn (2) fuq inkarigu ta' dina l-Qorti.

Illi skond rapport redatt mill-**Perit David Pace** (Dok JB1)[1] fuq inkarigu tal-attur, l-ammont ta' benefikati rurali riskontrati mill-istess perit fl-ghalqa in kwistjoni jammontaw ghal €2608.90 ekwivalenti ghal Lm1120. Fir-rigward ta' benefikati agrikoli l-espert agrikolu **Carmel Galea** inkarigat ukoll mill-attur ikkonkluda li dawn jammontaw ghal €612.63 ekwivalenti Lm263 u dan wara li stima l-valur tal-frott minn 15-il sigra tal-bajtar tax-xewk ghal 4 snin, il-valur tal-frott minn 37 dwieli kbar ghal 4 snin u wkoll frott minn sigra tal-laring. (ara fol 321).

Illi skond ir-rapport redatt mill-**Perit Frederick Valentino** (Dok FV 1 u FV2)[2] fuq inkarigu tal-konvenut, l-istess Perit ikkonkluda li il-benefikati rurali ezistenti dak iz-zmien u cioe fis-sena 1989 fl-ghalqa in kwistjoni kienu jammontaw ghal €851.74 ekwivalenti ghal Lm365.65c.

Illi skond rapport iehor prodott mill-konvenut fir-rigward tal-benefikati agrikoli redatt minn **Anthony Mifsud** (Dok AM)[3] gie konkluz illi fl-ghalqa kien hemm numru ta' sigar ta' speci differenti li pero parti sostanzjali minnhom kienu ilhom fl-istess ghalqa ghal iktar minn tmien snin u ghalhekk a tenur tal-artikolu 4 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta ma hadhomx in konsiderazzjoni. Huwa kkonkluda li l-benefikati agrikoli ma kinux jammontaw ghal aktar minn €46.59 ekwivalenti ghal Lm20 u dan fir-rigward ta' demel u bajtar tax-xewk. Ikkonkluda wkoll illi l-kumpens ghar-rigward tal-gheneb, lewz, farkizzan u wcuh ta' raba ghall-ahhar erba' snin skond l-art. 4 (5) tal-Kap 199 jammonta ghal madwar €559.05 ekwivalenti ghal Lm240.

In vista li dawn ir-rapporti kellhom ilkoll konkluzzjoni differenti, ghalkemm dawk tal benefikati agrikoli mhux daqshekk 'il boghod minn xulxin, il-Qorti nnominat lill-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala Perit Tekniku u lil Anthony Borg bhala espert agrikolu.

Illi l-espert agrikolu **Anthony Borg** ovvjament ma setax jivvaluta *in situ* l-benefikati agrikoli stante li meta ghamel l-

---
1 a fol. 317
2 a fol. 324
3 a fol.325

access ma kien baqa' xejn minn dak li originarjament kien hemm mizrugh. Huwa ssottometta illi wiehed ghandu jiehu in kunsiderazzjoni illi parti mill-art in kwistjoni giet mehuda ghal triq pubblika b'Dikjarazzjoni Presidenzjali ta' Akkwist dataqta 7 ta' Jannar 1988 (Dok CC1)[4] u ghaldaqstant il-kumpens dovut ghandu jigi mnaqqas bil-valur relattivi ghall-istess porzjon esproprijata. Ghaldaqstant huwa naqqas is-somma ta' €100.93 ekwivalenti ghal Lm43.33 mis-somma ta' €605.64 ekwivalenti ghalLm260 u dan rapprezentanti siegh raba' mehud u kkonkluda li l-kumpens dovut jammonta ghal €504.71 ekwivalenti ghal **Lm216.67**.

Illi skond il**-Perit Joseph Ellul Vincenti** ikkonkluda illi l-kumpens fir-rigward tal-kmamar li kienu fi stat hazin il-kumpens ghandu jkun fis-somma ta' €1164.69 ekwivalenti ghal **Lm500.** Permezz ta' rapport addizzjonali ikkonkluda li l-valur tal-hajt tas-sejjieh li l-attur qal li tella' fl-istess ghalqa huwa ta' €349.41 ekwivalenti ghal **Lm150.**

**Jekk il-kumpens hux dovut**

Illi stabbilit dan kollu, dina l-Qorti trid tezamina jekk l-attur ghandux dritt jew le jitlob minghand il-konvenut kumpens ghall-benefikati. Illi dan il-kaz mhux kaz fejn kerrej gie zgumbrat minn ghalqa li kien qieghed jiddetjeni legalment. Fil-fatt skond is-sentenza esebita a fol. 297 formanti parti minn Dok PJS 1 gie dikjarat illi l-attur odjern ma kellu l-ebda titolu validu fil-ligi biex jokkupa l-ghalqa msemmija. L-istess sentenza kkonfermat ukoll illi l-konvenut odjerna kellu kirja favur tieghu minghand il-Kurja.

Illi l-esperti agrikoli kemm ex parte u kif ukoll dak nominat mill-Qorti imxew a bazi ta' dak li jistipula l-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta biex waslu ghall-kalkolazzjoni tal-kumpens tal-benefikati. Illi pero tajjeb li jigi sottolinejat li l-attur ma jistax jikkwalifika bhala "kerrej" abbazi tal-imsemmija Ligi u allura ma jistax jigi applikat l-artikolu 4 tal-istess Ligi. Illi kif irrizulta mill-kawza ta' zgumbrament gie ppruvat illi l-attur odjern ma kellux titolu validu fil-ligi.

[4] a fol.333

Fix-xhieda tieghu l-attur ammetta illi l-qbiela tal-imsemmija art kienet tghajjat lil huh Wenzu Borg. Il-Qorti ma tarax wisq kredibbli dak li jghid l-attur u cioe li l-ghalqa kienet ilha ghandu ghoxrin sena u li dan sar billi hu kien partatha ma' huh, u dan peress li rrizulta illi l-ghalqa l-ohra li skond hu beda jahdem huh kienet inbieghet mill-Kurja fit-13 ta' Gunju 1962.[5] Inoltre l-Perit David Pace li kien inkarigat jaghmel stima tal-benefikati rurali xehed illi l-istrutturi li ra kienu ilhom hemm xi 25 sena.[6] Il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur kien konxju illi hu ma kellu l-ebda titolu fuq l-art in kwistjoni. Din il-fehma hija rassodata wkoll permezz tal-ittra mibghuta mill-Kurja lill-attur datata 21 ta' Mejju 1986 fejn l-istess attur gie infurmat li ma jikkwalifikax bhala "membru tal-familja" li fuqu tista' tinqaleb il-qbiela tal-art in kwistjoni.[7] Di piu` ghalkemm l-istess attur jistqarr illi l-istrutturi ezistenti fl-ghalqa ghamilhom hu stess ghall-habta tas-sena 1982[8] ma gab l-ebda prova li tikkorobora meta nbnew l-istess strutturi. Li hu cert hu li kienu ilhom mibnija ghal zmien twil peress li kienu fi stat perikolanti u uhud minnhom delapidati.

Ghaldaqstant in vista li l-attur ma kienx il-kerrej rikonoxxut mis-sid tal-ghalqa in kwistjoni, u cioe l-awtur tal-konvenut, u dan kif kien jaf ben tajjeb zgur wara l-ittra li ntbaghtet mill-Kurja fl-1986, u wkoll in vista tal-fatt li dina l-Qorti mhix konvinta illi l-istrutturi agrikoli saru mill-istess attur hija sejra tichad it-talba ghall-kumpens relattiv.

## Kontrotalba

### Responsabilita' ghad danni

Il-Qorti sejra issa tezamina t-tieni kwistjoni u cioe l-kontro-talba tal-konvenut ghal-likwidazzjoni ta' danni allegatament sofferti minnu minhabba li l-attur ma rrilaxxax l-ghalqa in kwistjoni meta mitlub.

[5] a fol. 84 sa 87 ta' Dok PJS1
[6] a fol. 100
[7] a fol. 206
[8] a fol. 102

Illi l-konvenut xehed illi huwa ghamel konvenju ghax-xiri tal-art in kwistjoni fit-2 ta’ Frar 1987, u dan wara li r-rapprezentanti tal-Kurja infurmawh illi min kien qieghed jokkupa l-art *de quo* kien biss qieghed jaghmel hekk b’mera tolleranza.[9] Xi hmistax wara mar ikellmu l-attur u l-konvenut ikkoncedielu li jibqa’ jokkupa l-art bla titolu sa Mejju 1987 peress li l-attur kellu xi patata mizrugha. Madankollu wara dan il-ftehim l-attur infurmah li ma kienx behsiebu jirralaxxa l-ghalqa qabel ma jigi kumpensat tal-benefikati. Ghalkemm il-konvenut kien dispost li joffrilu xi haga zghira il-partijiet ma qablux fuq l-ammont u kien biss wara proceduri ta’ zgumbrament illi l-attur finalment irrilaxxa vakanti l-ghalqa in kwistjoni. Bir-rizultat ta’ dana l-konvenut seta’ biss jidhol fl-ghalqa in kwistjoni fl-ahhar ta’ April 1988. Il-konvenut jispjega illi huwa kellu ippjanat li jibda x-xoghol biex jibni d-dar tieghu fuq is-sit in kwistjoni f’Gunju 1987. Madankollu minhabba li l-attur ma rrilaxxax l-ghalqa favur tieghu ix-xoghol ta’ kostruzzjoni seta’ biss jibda f’Jannar 1989 u cioe tmintax-il xahar wara li kien originarjament ippjana. Dan kien dovut peress li l-bennejja li kien inkariga l-konvenut ghal dan ix-xoghol kienu impenjati fuq xoghol iehor peress li ttardja l-bidu tal-bini fil-fond tieghu.

L-attur xehed illi l-qbiela tal-ghalqa in kwistjoni kienet f’isem huh Wenzu Borg. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-Kurja kienu kitbulu ittra fejn infurmawh li hu ma jikkwalifikax biex ikompli jahdem l-ghalqa in kwistjoni l-attur wiegeb li ma jafx biha. Fil-kawza ta’ zgumbrament pero kien xehed illi huwa ghandu dritt joqghod fl-art in kwistjoni ghax ghandu l-awtorizzazzjoni tal-Isqof, u dana bil-miktub.[10]

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jipprovvdi l-artikolu 1030 tal-Kodici Civili. Dan jghid b’mod succint u car li *“Kull min jaghmel uzu ta’ jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b’dan l-uzu.”* Illi l-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu jaghmel referenza ghal sentenza fejn gie ritenut li l-parti sokkombenti fi proceduri gudizzjarji ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni

[9] a fol. 110
[10] a fol. 209

bis-semplici fatt tal-kontestazzjoni. Izda kif gie tajjeb ritenut fis-sentenza **Carmen Camilleri noe et vs Joseph Bellizzi** ***"****sabiex l-uzu ta' dak id-dritt ma jaghtix lok ghad-danni jrid jghaddi t-test tal-arbitrarjiet jew kapricozita tal-pretensjoni ta' dak li jkun."*[11]

Illi gie sottomess mill-attur illi hu kien qieghed jippossjedi l-ghalqa in *buona fede* u dana ghar-ragunijiet esposti minnu kemm fil-kawza tal-izgumbrament, u kemm fil-kawza odjerna. Illi skond din il-Qorti l-attur ma jistax jinvoka favur tieghu pussess ta' *buona fede* meta bl-uzu ta' dik id-diligenza minima seta' jiskopri l- veru karattru lesiv tal-kondotta tieghu. Il-presunzjoni tal-*buona fide* stabbiliti bl-Artikolu 532 tal-Kodici Civili hi *iuris tantum* u ghalhekk fil-konfront taghha hi ammessa l-prova kuntrarja anke tramite presunzjonijiet u semplici indizji. Il-Qorti hija konvinta illi l-attur kien jaf illi huwa ma kellu l-ebda rikonoxximent ta' kwalunkwe titolu fuq l-istess art. Illi l-konvenut kien informa lill-attur illi huwa kien behsiebu jipprocedi kontra tieghu imma nonostante dan l-attur xorta baqa' jokkupa l-ghalqa in kwistjoni. Illi kif qalet tajjeb din il-Qorti diversament presjeduta "*Anke jekk gratia argomenti l-konvenuti kellhom dubju dwar il-vera qaghda, dak id-dubju ma jistax hlief jitqies bhala stat ta' incertezza soggettiva prodotta mill-konsiderazzjoni ta' ragonamenti opposti. Minnu nnfisu d-dubju hu inkompatibbli mal-buona fide. Jekk in effetti s-suggett flok jissupera dan id-dubju jagixxi semplicement minghajr ma jaghti kaz jew qies tas-sitwazzjoni hu jigi li jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni psikololgika ekwiparabbli ghal mala fide. Li jfisser allura illi meta l-konvenuti kienu rinfaccjati bl-att tac-citazzjoni huma kienu jafu jew messhom intebhu bil-vizzju li kellhom fit-titolu taghhom u kwindi kienu in mala fede."*[12]

## Danni

Illi bhala danni sofferti il-konvenut qieghed jitlob id-differenza fil-prezz tal-kostruzzjoni u xogholijiet ancillari ta' bejn meta kellu jibda x-xoghol u meta effettivament beda

[11] P.A. 2 ta' Ottubru 2002
[12] Joseph Borg noe vs Alfred Bugeja et (P.A. 2 ta' Frar 2005 per Onor. Imhallef Philip Sciberras)

u tlesta x-xoghol. Fl-opinjoni tal-konvenut din is-somma ghandha tkun ta' €6988.12 ekwivalenti ghal Lm3000. Di piu` l-konvenut jallega wkoll illi kellu jikri post alternattiv b'kera ta' €698.81 ekwivalenti ghal Lm300 kull sitt xhur ghal tmintax-il xahar. [13] Il-konvenut jistma iz-zieda fil-prezzijiet fis-somma ta' cirka €6988.12 ekwivalenti ghal Lm3000 imma ma esebixxa l-ebda elenku ta' kif wasal ghall-istess somma.

Il-Qorti hatret lill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti sabiex jirraporta dwar il-likwidazzjoni tad-danni mitluba mill-konvenut fil-kontra-talba tieghu.

Il-Perit Ellul Vincenti wara li ra d-dokumenti kollha esebiti fil-process ikkonkluda li d-dewmien ta' sena irrizulta f'danni ta' €4192.87 ekwivalenti ghal Lm1800 bazati fuq persentagg ta' 3% fuq is-somma ta' €139,762.40 ekwivalenti ghal Lm60,000, b'liema somma huwa stima d-dar tal-konvenut fid-data li din giet mibnija.

Illi fir-rigward tal-kera li l-konvenut jallega li kellu jhallas il-Qorti ma thossx li ghandha tillikwida xi ammont stante li l-konvenut ma pproduca l-ebda ricevuti f'dan ir-rigward jew ghall inqas pproduca bhala xhud lil sid il-kera sabiex jikkonferma l-pagamenti mill-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti tara li m'hemm xejn x'ticcensura mill-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti u tillikwida l-kumpens dovut lill-konvenut fis-somma ta' €4192.87 ekwivalenti ghal Lm1800.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi billi:-

1. tichad it-talbiet attrici fit-totalita taghhom;
2. tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali maghmula mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu;

[13] a fol. 118

3. tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni versu l-konvenut, b'rizultat tal-fatt li naqas li johrog mill-ghalqa in kwistjoni meta gie mitlub biex jaghmel hekk mill-konvenut;
4. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut fl-ammont ta' €4,192.87 ekwivalenti ghal Lm1,800;
5. tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' €4,192.87 ekwivalenti ghal Lm1,800.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-kontro-talba, kontra l-attur u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------